MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru. 1191/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Neville Mario Rizzo ta' 33 sena, iben Francis u Rose Marie nee` Borg, imwieled Attard, fl-1 ta' Jannar, 1979, residenti fil-fond Rose, Flat 1, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita numru 37979(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Fit-12 ta' Settembru 2010 gewwa Ta' Qali biswit il-Grawn Nazzjonali ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Clarion u nuccali tax-xemx minn go vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni JAD482, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Daniel Diacono minn Birkirkara;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volonontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fuq vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni JAD482, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ggad-detriment ta' Daniel Diacono minn Birkirkara;

3. U talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Antonio Mizzi LL.D. datata l-24 ta' Ottubru, 2008;

4. U talli kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. datata l-24 ta' Ottubru, 2008;

5. U talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mgistrat Dr.Antonio Mizzi LL.D. datata l-24 ta' Gunju, 2009;

6. U talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. datata l-27 ta' April, 2010;

7. U aktar talli sar recidiv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat irriforma ruhu kompletametn u kwindi piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 289, 261(b)(f)(g), 263, 270, 271, 325(1)(b), 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum u tikkundannah ghall-multa ta' hames mitt euro (€500) liema multa tista' tithallas f'rati mensili ta' ghoxrin euro (€20) il-wahda bl-ewwel pagament dovut sal-ahhar ta' Frar, 2014.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------